# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tal-5 laqgħa, li ssejħet b'urġenza, tad-9 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024 fis-6:00 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29, Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Grace Marie Zerafa | Sindku |
| Jonathan Dingli | Viċi Sindku |
| Emanuel k.a. Noel Galea | Kunsillier |
| Patrick Ghigo | Kunsillier |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Valerie Galea | Segretarju Eżekuttiv |

Is-Sindku ippresjediet il-laqgħa.

**05.01 Talba**

05.05.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

**05.02 Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

05.02.01 Is-Segretarju Eżekuttiv (S.E.) infurmat li l-Kunsillier Sciberras infurmana b'*WhatsApp message* li minħabba raġunijiet ta' xogħol ma setax jattendi din il-laqgħa b'urġenza.

Is-Sindku kompliet billi infurmat li appena l-Kunsillier Sciberras infurmana li ma jistax jattendi, hija tkellmet miegħu dwar is-suġġett ta' din il-laqgħa u ħadet l-veduti tiegħu f'dan ir-rigward.

**05.03 Jum L-Imqabba 2024**

05.03.01 Is-Sindku infurmat li Jum L-Imqabba ser jaħbat eżatt ma' avveniment nazzjonali ġewwa l-Belt Valletta ntitolat 'Fuq il-Festa' fejn għaliha huma mistiedna s-Soċjetajiet Mużikali u l-Bandisti. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, uriet il-preokkupazzjoni tagħha għaliex il-bandisti li se jattendu dan l-avveniment mhux se jkunu disponibbli biex idoqqu waqt is-serata Ġieħ L-Imqabba.

05.03.02 Is-Sindku kompliet billi qalet li waqt din il-laqgħa jinħtieġ li tittieħed deċiżjoni jekk għandhomx jiġu posposti b'ġimgħa l-avvenimenti kollha ta' Jum L-Imqabba. Huwa minnu li kellna kważi kollox kkordinat u ordnat, fejn l-Erbgħa 16 ta' Ottubru 2024 filgħaxija kellna *feature* fil-Kappella ta' San Bażilju dwar il-Madonna tar-Ružarju, il-Ġimgħa 18 ta' Settembru 2024 filgħodu kellna l-attività ċkejkna għat-tfal tal-Iskola, is-Sibt 19 ta' Settembru 2024 filgħodu kellna l-attivitajiet sportivi f'Misraħ il-Missjoni ż-Żgħira, is-Sibt 19 ta' Settembru 2024 kellna s-Serata Ġieħ L-Imqabba bil-parteċipazzjoni tal-Banda Santa Marija u segwita b'wirja dwar il-piroteknika u b'*repo*, u l-Ħadd 20 ta' Settembru 2024 filgħodu kellna ppjanata l-Quddiesa tat-

8.30am u tqegħid tal-Kuruna tar-Rand, l-esibizzjoni ta' karozzi antiki, u l-viżita lill-każini tar-raħal.

05.03.03 Jekk ikun hemm qbil li jimxi kollox b'ġimgħa, is-Sindku qalet li fil-każ titkellem mal-Kappillan u l-feature li kien se jsir l-Erbgħa jimxi għall-Ġimgħa 25 ta' Ottubru 2024, dejjem jekk ikunu disponibbli wkoll ir-restawratriċi u Fr Jonathan.

05.03.04 Wara diskussjoni mill-Kunsillieri preżenti dwar dan kollu, kien hemm qbil unanimu, inkluż mill-Kunsillier Sciberras li tkellem qabel il-laqgħa mas-Sindku, li l-avvenimenti ta' Jum L-Imqabba jiġu posposti b'ġimgħa u *cioè* jsiru bejn il-25 u s-27 ta' Ottubru 2024.

05.03.05a Is-Sindku infurmat li l-Afternoon Tea li kien skedat għas-27 ta' Ottubru 2024, issa ser tressqu għal nhar il-Ħadd 20 ta' Ottubru 2024. Il-Kunsillieri preżenti ħadu nota ta' dan.

**05.04 Tmiem tal-laqgħa**

05.04.01 Il-laqgħa ntemmet fis-6:30pm

Konfermati illum it-Tnejn 07 ta' Ottubru 2024.

| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
|---|---|
| **Grace Marie Zerafa**<br>**Sindku** | **Valerie Galea**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |